MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2006

Rikors Numru. 927/2005

**Fl-atti tal-kawza 672/2005/NC fl-ismijiet:-**

**Retail Solutions Limited (C31508).**

**vs.**

**Lara Montebello I.D. 415982(M), Janine Montebello I.D. 48685(M), Walter Montebello I.D. 335553(M) u Josephine Montebello I.D. 153859(M) u wara l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju 1331/05 mahrug fit-23 ta' Awissu 2005 fl-ismijiet inversi.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Retail Solutions Limited (C 31508) datata 4 ta' Ottubru 2005 ipprezentat quddiem il-Qorti kif

diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi permezz ta' rikors tat-23 ta' Awissu 2005 l-imsemmija Lara Montebello, Janine Montebello, Walter Montebello u Josephine Montebello talbu u ottenew il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru fil-konfront tas-socjeta` esponenti, liema Mandat intalab kontestwalment mal-prezentata tal-kontro-talba taghhom ghall-azzjoni legali originarjament mehuda mill-istess socjeta` esponenti;

Illi s-socjeta` esponeneti qieghda, ghar-ragunijiet li ser jigu hawnhekk elenkati, tissottometti illi l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju msemmi ghandu jigi revokat *ai termini* ta' l-**artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta.

Qabel xejn irid jinghad illi t-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju *de quo* sar b'mod frivolu u vessatorju u sar biss b'risposta u (nazzarda nghid) b'ritaljazzjoni ghax 'l hemmhekk mittenti Sinjuri Montebello kienu s-sokkombenti ta' Mandat ta' Sekwestru li sar fil-konfront taghhom kontestwalment mac-citazzjoni maghmula mis-socjeta` esponenti. Dak huwa kaz tipiku fejn irragunaw – 'ghamlulna mandat, mela naghmlulhom wiehed ahna'.

Il-Mandat *de quo* intalab u nhareg sabiex jikkawtela l-ammont ta' tlettax-il elf, sitt mija u erbgha u sebghin Liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm13,674.67), li kif jghid l-istess rikors ghall-hrug tal-Mandat, jirrapprezentaw danni skond pretensjoni kif dedotta fil-kontro-talba pprezentata kontestwalment (Cit.672/05/NC).

Issa qabel xejn irid jinghad illi fil-kontro-talba msemmija ma hemm ebda talba ghall-kundanna tal-hlas ta' din is-somma, izda biss talba ghal-likwidazzjoni ta' l-allegati danni msemmija.

Harsa lejn il-premessi ta' l-istess kontro-talba turi ukoll illi ghajr ghall-ahhar, dik il-premessa ta' qabel it-talbiet, mkien aktar ma jissemmew id-danni allegatament sofferti mis-Sinjuri Montebello, b'dan illi issir biss referenza ghall-

Dok 'WM13' hemmhekk anness li jindika s-suppost danni li allegatament gew sofferti mis-Sinjuri Montebello.

Illi harsa, anke hafifa, lejn dan id-Dok 'WM13' juri bic-car kemm huwa, anke fuq livell *prima facie*, mhux giustifikat l-ammont li qed jintalab li jigi kawtelat.

(a) Mill-ewwel parti intitolat *Office Equipment*, irid jinghad illi l-*office equipment* kollu li s-Sinjuri Montebello setghu xtraw biex jutilizzaw fil-fond mertu tal-kawza, haduh KOLLU maghhom u ghamlu jew qed jaghmlu uzu minnu band'ohra.

(b) Mit-tieni parti intitolata *Furniture & Fixtures*, hawnhekk ukoll irid jinghad illi l-*furniture and fittings* kollha li huma poggew fid-*designated area* li kienet giet lilhom mikrija, haduha maghhom u qed jutilizzawha band'ohra. Il-Qorti ghandha tiftakar illi s-Sinjuri Montebello ghandhom l-istess preciz linja ta' *business*, bl-isem ukoll, band'ohra f'San Giljan stess. Dwar dawn l-*items* hawnhekk imsemmija ftit wiehed jifhem ghaliex ukoll taht is-suppost *items furniture and fittings* iddahhlu *items* bhal *Malta Maritime Charges* (3 darbiet) u *Sea Malta charges* – inkluz *passenger charges*, (darbtejn).

(c) It-tielet parti tad-dokumenti intitolat *'Recoverable Expenses from Retail Solutions Ltd."* ammontanti ghal Lm3,658.04 ukoll jirrizulta *prima facie* u ma' l-ewwel daqqa t'ghajn mhux giustifikat u esagerat meta wiehed iqis:

✓ Illi hemm inkluz l-ispejjes legali ta' l-avukati u dawk notarili (bhal li kieku s-socjeta` esponenti ma kellhiex taghha ukoll) u dan apparti l-fatt li jekk dawn jinkludu spejjes giudizzjarji allura dawn gew rizervati fl-istess Mandat, filwaqt illi jekk dawn jinkludu spejjes extra-giudizzjarji, dawn jistghu ma jkunux eventwalment rekuperabbli (*item nos*. 187, 793, 794, 795, 1020, 1021, 1024),

✓ Illi hemm *travelling expenses* li ma hemm ebda sodisfazzjoni ta' xejn li huma relatati mal-mertu tal-kawza

u *di piu`* l-Qorti ghal darb'ohra tigi mfakkra illi jekk sar safar ghax-xiri ta' prodotti, dan sar ukoll ghall-hwienet l-ohra tas-Sinjuri Montebello (*items nos*. 609)

✓ Illi hemm spejjez relatati ma' garanziji bankarji ma' l-HSBC u spejjez relatati mal-kontro-mandat maghmula u l-proceduri maghmula minnhom kontra s-socjeta` esponenti (*items nos*. 1023, 1098, 1099 u 1120) li dawn ukoll jistghu, safejn huma spejjez giudizzjarji, jkunu rekuperabbli fit-tmiem tal-proceduri u huma ghalhekk rizervati bil-mandat, filwaqt illi fejn ma humiex rekuperabbli, qed izidu inutilment ma' l-ammont mitlub, allura aghmel l-istess ammont mhux giustifikat u eccessiv.

✓ Illi hemm numru ta' *items* bhal ma huma *parking re HSBC and photocopies (item no*. *1028), car park and bank fees (item nos. 1030 u 1031) oltre items* bhal dawk numerati 614, 616, 618, 620, 622 u 624 li ma jfissru xejn u jidhru *prima facie* bhala mhux giustifikati.

Illi ghalhekk, fl-ewwel lok l-ammont mitlub ma hux *prima facie* giustifikat fil-konfront tas-socjeta` esponenti, *oltre* illi huwa evidentament eccessiv – **arikolu 836 (1) (d) tal-Kap 12** – u fit-tieni lok *ai termini* ta' l-**artikolu 836 (1) (f) tal-Kap 12** – ma hux ragjonevoli u giustifikabbli dan il-mandat fil-konfront tas-socjeta` esponenti in kwantu illi qed jintalab, kif muri biss Dok 'WM13', ammont ta' flus mhux relatati mat-talbiet maghmula fil-kontro-talba, ghajr il-fatt illi qed jintalab il-valur ta' diversi oggetti li s-Sinjuri Montebello effettivament hadu u garrew maghhom u qed jaghmlu uzu minnhom band'ohra.

Illi ukoll dan il-mandat ta' sekwestru fuq is-socjeta` esponenti qed jikkawza danni serji lill-istess socjeta` esponenti u ghalhekk filwaqt illi qed tirrizerva kull azzjoni ghad-danni kontemplata mill-**artikolu 836 (9) tal-Kap 12**, qieghda ukoll prezentazzjoni tinvoka l-**artikolu 836 (8) (c) u (d) tal-Kap 12** u li jippremetti, fl-ewwel lok, illi ebda cirkostanza tas-socjeta` esponenti ma hija tali li taghti lok ghal xi dubju ragjonevoli dwar il-likwidita` taghha u dwar il-kapacita` finanzjarja taghha kif trid il-ligi u fit-tieni lok, illi t-talba tar-rikorrenti fil-konfront tas-socjeta` esponenta saret

b'malizja u hija ukoll frivola u vessatorja kif trid il-ligi *ai termini* ta' l-artikolu u s-sub-artikolu hawn citati f'dan l-istess paragrafu;

Ghaldaqstant, tenut kont ta' dan kollu, l-esponent jitlob bir-rispett illi taht dawk il-pattijiet u kundizzjonjiet kollha li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni din l-istss Onorabbli Qorti **minghajr dewmien minhabba l-pregudizzju illi qieghed isofri intortament s-socjeta` esponenti:**

(a) Ghandha tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru numru 1331/2005 u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kap 12** hawn fuq citati,

(b) Ghandha tikkundanna lil hemmhekk rikorrenti Sinjuri Montebello sabiex ihallsu lis-socjeta` esponenti *in linea* ta' penali dik is-somma li tiffissa l-istess Onorabbli Qorti fl-ammont ta' mhux anqas minn hames mitt liri Maltin (Lm500) u mhux aktar minn tliet elef Lira Maltin (Lm3000), u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 836 (8) tal-Kap 12** u ghar-ragunijiet hawn fuq espressi.

Bl-ispejjez anke ta' din il-procedura kontra s-Sinjuri Montebello.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat nhar is-7 ta' Ottubru 2005 ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-14 ta' Ottubru 2005.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-14 ta' Ottubru 2005 (fol 7) fejn deher Dr. Ian Spiteri Bailey ghas-socjeta` rikorrenti u rapprezentant ta' l-istess. Dehret ukoll Dr. Veronica Aquilina ghall-intimati prezenti u taw ruhhom notifikati. Dr. Aquilina irtirat *seduta stante* kopja tar-rikors. Ir-rikors gie differit ghat-2 ta' Novembru 2005 ghall-prezentata tar-risposta ta' l-intimata u trattazzjoni; tat-2 ta' Novembru 2005 fejn deher Dr. Franco Vassallo u Dr.Veronica Aquilina ghall-intimati u Dr. Ian Spiteri Bailey ghar-rikorrent prezenti. Dr. Vassallo nforma l-Qorti li l-intimati pprezentaw ir-risposta taghhom

fir-Registru u kopja taghhom irtirata *seduta stante* mill-kontro-parti u ddikjara li salv l-'*light fittings'* u l-*'cubicles'* l-oggetti personali ta' l-intimati gew mahrugin mill-hanut u ghadu qed jistenna ricevuta taghhom. Il-Qorti rrilevat li kienet sprovista mill-process. Il-kawza giet differita ghas-7 ta' Dicembru 2005 ghat-trattazzjoni tar-rikors.

Rat l-ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-7 ta' Dicembru 2005 fejn minhabba li l-Qorti kienet indisposta l-kawza giet differita ghas-16 ta' Frar 2006 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat l-ordni ta' din il-Qorti kif illum attwalment presjeduta datata 16 ta' Frar 2006 u l-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tat-2 ta' Mejju 2006 (fol 11) fejn deher Dr. Ian Spiteri Bailey u Ramon Micallef ghas-socjeta` rikorrenti, u Dr. Stephen Muscat ghall-intimati prezenti. Il-Qorti nnotat li minkejja l-verbal ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-2 ta' Novembru 2005 ir-risposti ta' l-intimati ma jinstabux fil-process. Dr. Stephen Muscat ipprezenta kopja tar-risposta bid-dokumenti annessi maghha *seduta stante*. Il-Qorti ordnat lid-difensuri tal-partijiet biex jesebixxu veru kopja tal-mandat ta' sekwestru mertu ta' din il-procedura. Minhabba dak verbalizzat fil-kawza cit.numru 672/2005, kawza numru 8 fuq il-lista, il-kawza giet differita ghall-15 ta' Gunju 2006 u l-Qorti ordnat komunika lir-Registratur tal-Qorti.

Rat li l-istess komunika saret bil-*visto* tar-Registratur tal-Qorti fit-18 ta' Gunju 2006 kollox kif jidher a fol. 11 tal-process.

Rat ir-risposta ta' l-intimati li kopja taghha giet esebita fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2006 u dan a fol. 12 tal-process u dan bid-dokumenti annessi maghha minn fol. 15 sa fol. 24 tal-process, u fejn fl-istess risposta l-intimati sostnew:-

Illi preliminarjament il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1331/05 fl-ismijiet inhareg minn din l-Onorabbli Qorti fuq talba maghmula minn Lara Montebello, Janine

Montebello u Walter u Josephine konjugi Montebello li dehru fuq ir-rikors opportun f'isem il-minuri **Anthea Montebello**.

Illi dan sar wara li din l-Onorabbli Qorti kienet laqghet it-talba taghhom permezz ta' rikors ipprezentat fit-12 ta' April 2005, fl-atti tac-cedola numru , ghall-hatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-istess minuri Anthea Montebello.

Illi ghalhekk it-talbiet dedotta fir-rikors odjern mhumiex legittimi fir-rigward ta' Walter u Josephine konjugi Montebello personalment.

Illi kuntrarjament ghal dak li qed jigi allegat b'mod insinwattiv u malizzjuz, il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwistjoni nhareg wara talba legittima ta' l-intimati li xtaqu jikkawtelaw id-drittijiet taghhom skond il-ligi fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti u dan sakemm tigi deciza minn din l-Onorabbli Qorti l-vertenza ta' bejniethom.

Illi ghalkemm l-istess socjeta` rikorrenti fir-rikors taghha ddikjarat li *'ebda cirkustanza tas-socjeta` esponenti ma hija tali li taghti lok ghal xi dubju ragjonevoli dwar il-likwidita` taghha u dwar il-kapacita` finanzjarja taghha',* **ma offriet l-ebda konfront** dwar dan specjalment ghaliex mhix f'pozizzjoni li taghmel dan.

Illi flimkien mar-risposta odjerna, l-esponenti qieghdin jipprezentaw kopja ta' l-*'Abridged Financial Statements'* tas-socjeta` rikorrenti ghas-sena li spiccat fil-31 ta' Dicembru 2004, *cioe*` ghaxar (10) xhur ilu biss, liema dokument jindika sitwazzjoni finanzjarja ferm imwera u tassew inkwetanti:

- Ghalkemm il-valur ta' *fixed assets* f'dik is-sena kien ta' Lm244,826.00, il-kredituri kienu dovuta ammont ferm akbar ta' Lm343,786.00 (Lm243,103.00+Lm100,683.00) (pagna 4);

- Il-*fixed assets* ma jinkludi l-ebda proprjeta` immobbiljarja: huma deskritti bhala *improvement to premises, computer equipment, office equipment* u *electrical & mechanical equipment* – kollha wisq probabbli jinsabu fil-kumpless maghruf bhala *LUXE PAVILLION* – u li ghandhom *depriciation* gholi sew bir-rati annwali rispettivi ta’ 5%, 10%, 33% u 10% (pagna 6 u 7);

- Hemm dejn mal-bank fl-ammont ta’ Lm189,999.00, bir-rata ta’ imghax ta’ 7%, liema dejn hu kopert b’Ipoteka Generali fuq l-assi kollha tas-socjeta` rikorrenti (pagna 8);

- Hemm dejn dovut lill-azzjonisti stess fl-ammont ta’ Lm15,873.00 (pagna 8);

- Hemm dejn dovut lil diversi kredituri ta’ Lm78,525.00 u ta’ Lm1,475.00, liema kredituri jista’ pero` ikollhom privilegg fuq xi assi tas-socjeta` rikorrenti (pagna 8); u

- Hemm facilita` ta’ *overdraft* fl-ammont ta’ Lm11,430.00 pagabbli fi zmien sena bir-rata ta’ imghax ta’ 7% (pagna 8).

Illi ghalhekk naqset milli titlob ir-revoka tal-mandat odjern *a tenur* ta’ l-**artikolu 836 (8) (c)**: kuntrarjament ghal dak li ghamlu dak li ghamlu l-intimati permezz tal-prezentata tad-dokumentazzjoni opportuna flimkien mar-rikors taghhom numru 1157/05 ghall-hrug ta’ kontro-mandat.

Illi l-ezami maghmul mis-socjeta rikorrenti tal-kapijiet separati ta’ spejjez elenkati f’Dok.’WM13’ hu wiehed ghal kollox arbitrarju u zgur ma jistax jitqies bhala wiehed *prima facie.*

Illi dawk l-istess spejjez huma mertu tal-kontro-talba u soggetti ghal prova mill-partijiet: digriet dwar l-utilita`, necessita`, etc. Taghhom ikun wassal ghal espressjoni ta’ l-opinjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti fuq il-kontro-talba taghhom u b’hekk jigi deciz il-mertu barra l-kuntest tal-proceduri fl-ismijiet **Retail Solutions Limited vs Lara Montebello et** Cit. nru. 672/2005NC appuntati ghas-

smiegh quddiem din l-Onorabbli Qorti fit-18 ta’ Novembru 2005.

Illi l-argument ta’ din l-Onorabbli Qorti fid-digriet taghha ta’ l-14 ta’ Ottubru 2005, fil-proceduri fl-ismijiet **“Retail Solutions Limited vs Lara Montebello et”** rikors revokat nru. 775/05NC qed jigi citat hawn u addottat mill-esponenti ghaliex ghall-fini tal-*prima facie* din l-istess Onorabbli Qorti kienet iddikjarat li “*f’dan il-gudizzju din il-Qorti qieghda tipproduci b’cirkosprezzjoni, biex ma tesprimix opinjoni fuq eccezzjoni li ghad trid tigi trattata pro funditus u deciza minnha f’kawza ohra”.*

Ghaldaqstant it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghar-revoka tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju 1331/05 ghandha tigi michuda, kif ukoll ghandha tigi michuda t-talba taghha ghall-kundanna ta’ l-esponenti ghall-hlas ta’ penali.

Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Gunju 2006 a fol 25 tal-process fejn deher Dr. Stephen Muscat ghall-intimati prezenti u Dr. Ian Spiteri Bailey ghas-socjeta’ rikorrenti, u Ramon Micallef rappresentant tal-istess. Dr. Stephen Muscat talab li jipprezenta *statement* aggornat ta’ l-ahhar *accounts* tas-socjeta’ rikorrenti datat 31 ta’ Dicembru 2005. Dr. Ian Spiteri Bailey oppona. Il-Qorti laqghet it-talba u awtorizzat il-prezentata ta’ l-istess b’kopja lill-kontro-parti, u d-difensuri qablu li rikors jibqa’ ghall-provvediment finali u b’hekk l-istess rikors thalla ghall-provvediment finali ghall-10 ta’ Ottubru 2006.

Rat l-atti tal-kawza Citaz. Numru 672/2005/NC fl-ismijiet “Retail Solutions Limited vs Lara Montebello (I.D. Card No. 415982 (M), Janine Montebello (I.D. Card No. 48685(M), Walter Montebello (I.D. Numru 335553(M) u Josephine Montebello (Numru I.D. 153859 (M)) f’isimhom personali u kif ukoll f’isem il-minuri Anthea Montebello” u dan kemm ic-citazzjoni attrici u kemm il-kontro-talba tal-konvenuti

Rat il-Mandat ta’ Sekwestru datat 23 ta’ Awissu 2005 Numru 1331/2005 mahrug minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Giannino Caruana Demajo fl-ismijiet “Lara Montebello (I.D. Nru. 415982 (M), Janine Montebello (I.D. Nru, 48685(M), Walter Montebello (I.D. Numru 335553(M) u Josephine Montebello (Numru I.D. 153859 (M)) f’isem il-minuri Anthea Montebello” ghall-ammont ta’ Lm13,674.67 *“danni skond pretensjoni dedotta fil-kontro-talba pprezentata kontestwalment Citaz.672/05NC fl-ismijiet Retail Solutions Ltd (C 31508) vs Lara Montebello et”.*

Rat il-kontro-mandat Numru 1557/05 ipprezentat mis-socjeta’ Retail Solutions Limited (C 31508) datat 10 ta’ Ottubru 2005 akkordat minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Carmelo Farrugia Sacco u dan wara l-mandat ta’ sekwestru numru 1331/2005 mahrug fl-ismijiet premessi u dan wara li s-socjeta’ rikorrenti pprezentat garanzija bankarja fl-ammont pretiz.

Rat il-Mandat ta’ Sekwestru fl-ismijiet “Retail Solutions Limited vs Lara Montebello et” datat 19 ta’ Lulju 2005 mahrug minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Gino Camilleri u dan fl-ammont ta’ Lm12,711 *“somma dovuta in linea ta’ kera u spejjez skond kuntratt tas-27 ta’ Settembru 2004,* l-kontro-mandat relattiv Numru 1237/2005 datat 2 ta’ Awissu 2005 akkordat minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Geoffrey Valenzia wara depositu ta’ garanzija bankarja ghall-ammont indikat fis-sekwestru.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi dan ir-rikors sar mis-socjeta’ rikorrenti Retail Solutions Limited kontra Lara Montebello I.D. 415982(M), Janine Montebello I.D. 48685(M), Walter Montebello I.D. 335553(M) u Josephine Montebello I.D. 153859(M) u

wara l-Mandat ta' Sekwestru katwtelatorju 1331/05 fl-ismijiet inversi sabiex fl-ewwel lok jigi revokat il-Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru Numru 1331/05 u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kap 12** u wkoll sabiex l-intimati ihallsu penali ta' mhux anqas minn hames mitt Liri Maltin (Lm500) u mhux aktar minn tlett elef Liri Maltin (Lm3,000) u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 836 (8) tal-Kap 12.**

Illi r-rikors odjern tar-rikorrenti qed issir fl-ewwel lok a bazi ta' l-**artikolu 836 (1) (d) u (f)** li jipprovdu rispettivament li:

**"*836.*** *(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:-*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat;*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhux aktar mehtieg jew gustifikabbli".*

Illi huwa rilevanti li jinghad dak li gie deciz fid-digriet **"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** (P.A.(RCP) 10 ta' Mejju 2001 – Rikors Numru 286/2001/RCP) fejn gie ritenut *"li mid-disposizzjoni tal-istess* ***artikolu 836*** *jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprija".*

Illi fid-decizjoni **"Josephine Sammut vs Emmanuel Sammut et"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001) gie affermat:-

*"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza.* ***("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited"*** *– P.A. RCP. 10 ta' Mejju 2001;* ***"Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd"*** *– P.A. RCP. 7 ta' Frar 2001)".*

Illi dwar l-**artikolu 836 (1) (d)** l-istess rikorreti ssostni li l-intimati ma ghamlu ebda talba ghall-kundanna ghall-hlas ta' danni fil-kontro-talba, izda biss ghal talba ghall-likwidazzjoni ta' danni, u jghid li l-istess kontro-talba isemmmi l-punt ta' danni biss fl-ahhar premessa qabel it-talbiet u l-istess socjeta' rikorrenti mbaghad tkompli tghid li diversi punti mid-dokument Dok. "WM 13" kif indikati fir-rikors odjern minn paragrafi (a) sa (c) huma *prima facie* bla bazi.

Illi din il-Qorti thoss li din l-argumentazzjoni *da parte* tas-socjeta' rikorrenti hija kompletament bla bazi u dan peress li fil-kontro-talba pprezentata mill-konvenuti f'dik il-kawza fl-atti tal-kawza Citaz. Numru 672/2005 hemm diversi talbiet *da parte* ta' l-istess persuni hemm indikati bhala konvenuti fil-kontro-talba taghhom u dan naxxenti mill-allegazzjoni li s-socjeta' attrici allegatament naqset li totempera ruhha mal-obbligazzjonijiet kontrattwali taghha skond il-kuntratt datat 27 ta' Settembru 2004, u kawza ta' l-istess l-istess hemm konvenuti talbu li l-istess socjeta' attrici tigi ddikjarata responsabbli ghad-danni, li jigu likwidati d-danni u r-raba' talba hija sabiex *"tikkundanna lill-istess socjeta' attrici thallas lill-konvenuti s-somma tad-danni hekk likwidata minnha".*

Illi fil-fatt abbazi ta’ dak premess mill-konvenuti gie allegat li l-istess konvenuti soffrew danni skond id-dokument WM 13 u dan f’kawza fejn hemm talba sabiex l-istess ammont ta’ danni jigi likwidat, u ovvjament dan irid issir fil-kors tal-kawza proprja u l-Qorti ma ghandha bl-ebda mod b’dawn il-proceduri tidhol fil-mertu tal-kawza, izda huwa bizzejjed li hemm bazi ghall-atti kawtelatorji mehuda fuq il-bazi ta’ *prima facie* u f’dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li dan jezisti, tant li jifforma l-mertu ta’ azzjoni bejn il-partijiet. Dwar in-natura ta’ danni reklamati, u jekk dan humiex kollha gustifikati, certament li dan ma huwiex il-mod kif l-istess ghandhom jigu ezaminati, izda dan ghandu jigi dibattut fil-kors tal-kawza bejn il-partijiet. Din il-Qorti f’dan il-kuntest taghmel riferenza ghal dak li gie ritenut fid-decizjoni moghtija wara r-rikors fl-ismijiet **“Retail Solutions Limited vs Lara Montebello et”** (P.A. (N.C.) 14 ta’ Ottubru 2005 – Rikors775/05/NC) u fil-provvediment finali wara r-rikors fl-ismijiet **“Ian Pace vs Rosie sive Roswitha Marion Lehner”** (P.A. (RCP) 31 ta’ Mejju 2006).

Illi dwar it-tieni punt imqajjem mis-socjeta’ rikorrenti abbazi ta’ l-**artikolu 836 (1) (f)** jirrizulta lil din il-Qorti li fil-mument li sar l-istess mandat kawtelatorju l-intimati odjerni kellhom l-interess legali li jagixxu skond il-ligi sabiex jikkawtelaw il-pretensjonijiet u d-dokumenti hawn esebiti f’dawn il-proceduri jikkonfermaw, jekk kien hemm bzonn dan.

Illi abbazi ta’ dan kollu t-talba ta’ l-istess socjeta’ rikorrenti qed tigi michuda u dan qed jinghad bla pregudizzju ghall-fatt li l-istess socjeta’ rikorrenti fl-atti ta’ dan ir-rikors lanqas iccittat sew l-okkju tal-kawza sew b’dan li l-konvenuti ma humiex indikati sew, u wkoll dan jirreferi wkoll ghall-fatt li s-sekwestru mertu tal-proceduri odjerni inhareg minn *“Lara Montebello (I.D. Nru. 415982 (M), Janine Montebello (I.D. Nru, 48685(M), Walter Montebello (I.D. Numru 335553(M) u Josephine Montebello (Numru I.D. 153859 (M)) f’isem il-minuri Anthea Montebello”,* u dan kif indikat fl-istess sekwestru u wkoll fl-ewwel eccezzjoni ta’ l-intimati odjerni fir-risposta taghhom ghar-rikors odjern.

Illi mhux biss izda it-talba ghar-revoka ta’ l-istess Mandat ta’ Sekwestru Numru 1331/2005 illum lanqas tista’ tissussisti u dan peress li l-istess sekwestru gie revokat bil-hrug tal-kontro-mandat relattiv Numru 1557/05 ipprezentat mis-socjeta’ Retail Solutions Limited (C 31508) datat 10 ta’ Ottubru 2005 akkordat minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Carmelo Farrugia Sacco kif fuq indikat, b’dan ghalhekk li ma jistax jigi revokat att li ma ghadux *in vigore*.

Illi f’dan il-kuntest l-istess l-ewwel talba tas-socjeta’ rikorrenti qed tigi michuda.

Illi *in vista* ta’ dak hawn deciz din il-Qorti thoss li certament ma tistax lanqas tilqa’ t-talba tar-rikorrenti bbazata fuq l-**artikolu 836 (8) tal-Kap 12** u dan peress li ma jezistu l-ebda wahda mill-elementi hemm indikati fil-paragrafi (c) u (d) ta’ l-istess sub-artikolu, u dan anke peress li din il-Qorti thoss li *prima facie* jirrizulta li l-istess intimati kienu qed jittentaw jipprotegu l-interess taghom fil-pretensjoni taghhom kontra s-socjeta’ rikorrenti, kif fuq kollox l-istess socjeta’ rikorrenti qed taghmel fil-konfront ta’ l-istess intimati u dan permezz ta’ mandati kawtelatorji ohra li hija dehrilha li kellha tutilizza ghall-protezzjoni u kawtela ta’ l-interessi taghha, kif indikat anke iktar il-fuq f’din id-decizjoni, specjalment *in vista* ta’ l-azzjoni pendenti bejn il-partijiet.

Illi dan qed jinghad *stante* li dwar l-istess sub-artikolu fis-sentenza **“SN Properties Limited vs George Camilleri”** (P.A. (RCP) 6 ta’ Gunju 2000) din il-Qorti sostniet li *“minn ezami tal-istess ragunijiet jidher car, li apparti xi ragunijiet specifici li gew introdotti per se fl-istess artikoli, l-ispirtu tal-istess artikoli huwa intiz, sabiex bhal ma stabbilit fil-gurisprudenza konstanti ezistenti qabel il-promulgazzjoni tal-istess emendi, ma jkunx hemm abbuz minn tali hrug ta’ mandati kawtelatorji, u dan l-abbuz huwa identifikat f’kazijiet ta’ mala fede, vessatorjeta’ u negligenza grossolana”*.

*“Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti tali kazijiet ma eliminawx per principju l-azzjoni generali ghad-danni fuq riferita fis-*

*sentenzi citati ai termini tal-**artikolu 1031 tal-Kap 16**, dejjem fil-kuntest u b'konsegwenza ta' dritt ta' azzjoni, pero' in verita' u fil-prattika tali azzjoni, diretta ghall-hrug ta' mandati kawtelatorji, giet illum kristalizzata bl-istess **artikolu 836 (9**). Dan ghaliex l-istess artikolu introdott bil-ligi tal-1995, ikkodifika u applika l-principji elenkati fil-gurisprudenza ta' qabel in materia, dwar l-ezercitazzjoni ta' azzjoni ta' danni wara il-hrug ta' mandat kawtelatorju, u minn ezami tal-istess ragunijiet hekk elenkati, huwa difficli li wiehed jahseb li hemm ragunijiet barra dawk elenkati fl-istess **artikolu 836**, fejn l-azzjoni in generali tista' tirnexxi".*

*Illi din il-Qorti fil-waqt li taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri"** (P.A. (J.S.P.) 10 ta' Jannar 1992) u d-decizjoni **"Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr. Lilian Calleja Cremona"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm ennuncjati thoss li f'dan il-kaz fuq il-bazi ta' 'prima facie' ma hemm ebda element ta' abbuz 'da parte' tal-intimati meta hargu tali atti anzi jidher li l-istess intimati kellhom 'prima facie' bazi guridika li fuqha setghu jagixxu sabiex johorgu mandat kawtelatorju, u dan fid-dawl tal-principju li d-dritt 'per se' ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandu bl-ebda mod jigi pregudikat, u wisq inqas id-dritt ta' persuna li tipproteggi l-interess taghha sakemm id-dritt sostantiv jigi finalment determinat mill-istess Qorti. Illi minn dan isegwi li anke jekk jigi determinat fil-posittiv li l-intimati kellhom dritt jagixxu sabiex jissalvagwardjaw il-pretensjonijiet taghhom, kif intqal fid-decizjoni **"Visa Investments Limited vs Blye Engineering Co. Ltd"** (P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)* "ovvjament dan ma jfissirx li tali azzjoni tas-socjeta' intimata ser tirnexxi, ghaliex id-determinazzjoni tal-istess talbiet tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma' l-mertu tal-kawza u fl-ambitu tal-kawza proprja dwar il-mertu". Ghalhekk anke it-tieni talba tas-socjeta' rikorrenti qed tigi wkoll michuda.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti fir-rikors taghha tal-4 ta' Ottubru 2005 ghandhom u qed jigu michuda ghaliex infondati fil-fatt u fid-dritt.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tilqa' r-risposta ta' l-intimati li kopja taghha giet esebita fit-2 ta' Mejju 2006 in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz iktar il-fuq, **tichad it-talbiet kollha tas-socjeta' rikorrenti Retail Solutions Limited fir-rikors taghha tal-4 ta' Ottubru 2005** u dan *stante* li huma kollha kemm huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta' rikorrenti Retail Solutions Limited

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------